**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Lulju, 2024**

## Rikors Nru: 961/2023 AF

Wara l-Mandat ta' Sekwestru numru 1336/2023 fl-ismijiet:

**Andrew Debono**

**vs**

**Alan Muscat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Alan Muscat, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih moghtija, din il-Qorti ntalbet thassar mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront tieghu minn Andrew Debono sabiex dan tal-ahhar iqieghed fis-sod pretensjoni tieghu ghar-rifuzjoni ta' depozitu mhallas kif ukoll danni konsegwenzjali ghal konvenju li ma giex segwit bl-att finali. Saru wkoll talbiet alternattivi u addizzjonali.

Rat ir-risposta ta' Andrew Debono li fiha huwa spjega r-ragunijiet tieghu ghaliex il-mandat ghandu jibqa' fis-sehh.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi doveruz jigi enfasizzat f'dan l-istadju tal-proceduri li kull ezami li taghmel din il-Qorti jibqa' essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. Sussegwentement ebda decizjoni li tittiehed dwar mandat kawtelatorju ma tippregudika d-decizjoni finali dwar il-mertu tal-vertenza.

Dan premess il-Qorti tqis li l-ewwel ragunijiet li ghalihom ir-rikorrenti odjern qieghed jitlob it-thassir tal-mandat huma dawk li jipprovdu ghalihom is-subincizi (c) u (e) tal-Art. 836(1) li testwalment jipprovdu ghat-thassir ta' mandat meta:

> *…*
>
> *"(c) jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun tala il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*

*…*

*(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed."*

Fil-kaz in ezami ma jidher li tressqet ebda garanzija alternattiva ghas-sekwestru. Lanqas ma jirrizulta lil din il-Qorti li gew depozitati flejjes li jistghu jitqiesu bhala garanzija sufficjenti. Inoltre, galadarba jirrizulta li sehem id-debitur fil-proprjetà mertu tal-konvenju fil-fatt giet assenjata lil terzi, lanqas mandat ta' inibizzjoni fuq l-istess proprjetà ma jista' jissodisfa l-pretensjoni tal-kreditur.

Alan Muscat ikompli billi isejjes it-talba tieghu fuq l-Art. 836(1)(d) u (1)(f) li wkoll jipprovdu ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

...

*"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

...

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Il-Qorti tissenjala fil-kuntest il-principju ribadit fil-provvediment ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Dr. Carmel Chircop et vs Dolphin Industries Services Limited et (30 ta' Lulju 2014) fejn inghad illi:

*"Il-ligi thalli f'idejn il-kreditur l-ghazla ta' kif jikkawtela l-pretensjoni tieghu u cioè ghazla f'idejn il-kreditur ta' liema mandat kawtelatorju hu l-aktar addattat, fic-cirkostanzi tal-kaz partikolari. Dan ma jfissirx illi l-kreditur ghandu via libera li jikkalpesta lid-debitur bl-impozizzjoni ta' kawteli eccessivi, irdoppjati jew bla gustifikazzjoni Hu precizament dan ir-raison d'etre tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 u cioè l-*

*protezzjoni tad-debitur minn mandati kawtelatorji eccessivi u irragonevoli tal-kreditur."*

Madanakollu, lanqas tista' l-Qorti xxekkel lil kreditur milli jittenta jikkawtela l-pretensjoni tieghu b'kull mezz li tipprovdilu l-ligi. Fil-kaz in ezami, l-pretensjoni tal-kreditur temana minn konvenju bejn il-partijiet li fuqu, skond ma konfermat bil-gurament minn Andrew Debono fir-rikors li bih inbdiet il-kawza, il-prezz tal-proprjetà kien thallas minn qabel. Jidher illi l-proprjetà *de quo* giet stmata fl-ammont ta' aktar minn €400,000. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex tqis l-ammont kawtelat bhala eccessiv jew mhux gustifikabbli.

Finalment Alan Muscat qed jitlob lil din il-Qorti timponi fuq Andrew Debono l-obbligu li jiddepozita garanzija a tenur tal-Art. 838A tal-Kap. 12. Ma ngabet lil din il-Qorti ebda raguni valida "serja u impellenti" (ara Darmanin vs Cachia – 31 ta' Lulju 2007) biex twassalha timponi dan il-piz.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha ta' Alan Muscat kontenuti fir-rikors tieghu tal-25 ta' Awwissu 2023.

L-ispejjez kollha ta' din il-procedura jithallsu minn Alan Muscat.

IMHALLEF